# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 47/2010

## tat-30 ta' April 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/78/KE tad-29 ta' Settembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, li tikkonċerna l-prodotti kosmetiċi, għall-għanijiet li tadatta l-Annessi II tagħha għal progress ([2]) tekniku għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE) tal-Kapitolu XVI tal-Anness II mal-Ftehim:

"— **32006 L 0078**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/78/KE tad-29 ta' Settembru 2006 (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 56)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/78/KE, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Mejju 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 101, 22.4.2010, p. 18.
([2]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 56.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.